**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem: ________________________** **Klassi: _______________**

## 1. Wieġeb il-mistoqsijiet billi taqta' sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.

***(Total: 15 marki)***

1.1 Ħafna min-nobbli Maltin kienu jgħixu (fil-Belt Valletta, fil-Birgu, fl-Imdina). ***(marka)***

1.2 It-toroq ta' l-ibliet fil-Medjuevu kienu (imserrpin u dojoq, dritti u twal, wiesa' u spazjużi). ***(marka)***

1.3 Aqta' linja taħt **TLIET** irħula li kienu jeżistu fil-Medjuevu.
(Raħal Ġdid, Santa Luċija, Ħal Tmiem, Ħal Bajda, Is-Swieqi, Ħal Tartarni) ***(3 marki)***

1.4 In-Normanni waslu fl-(Amerka, Italja t'Isfel, Afganistan). ***(marka)***

1.5 F'xi knejjes Maltin fil-Medjuevu nsibu l-affreski. Dawn huma:
(linef tal-kristall, statwi ta' qaddisin, tpinġija direttament fuq il-ħajt) ***(marka)***

1.6 Fil-Medjuevu konna nsibu bini ta' stil (Sikulu-Normann, Barokk, Gotiku). ***(marka)***

1.7 Fil-Birgu nsibu (Palazz Falzon, l-Palazz ta' l-Inkwiżitur, Palazzo Gatto Murina). ***(marka)***

1.8 L-għolja ta' Xebb ir-Ras intgħażlet biex fuqha tinbena l-belt il-ġdida għax:
(ma kinitx għolja kbira ħafna, kienet għolja li tagħti fuq il-Port il-Kbir, setgħu jdawruha bis-swar malajr). ***(marka)***

1.9 In-Normanni waslu Malta permezz tal-miġja tal-(Konti Alberto, Konti Manfredi, Konti Ruġġieru). ***(marka)***

1.10 Knejjes trogloditi tfisser:
(knejjes mibnija fuq għolja, knejjes mibnija fiċ-ċentru tar-raħal, knejjes maqtugħa fil-blat) ***(marka)***

1.11 Aqta' sinjal taħt **TLIET** prodotti li kienu jitkabbru f'Malta fil-Medjuevu:
(il-qoton, it-tadam, il-patata, il-kemmun, iż-żebbuġ, il-kiwi, it-tamal) ***(3 marki)***

## 2. Qabbel naħa ma' oħra billi tikteb in-numru. L-ewwel waħda magħmula bħala eżempju.

***(1 x 10 = 10 marki)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | 1429 | | marda qerrieda |
| 2. | sibi | | sistema ta' difiża fil-gżejjer |
| 3. | pesta | | jitfaċċaw il-kunventi |
| 4. | Gutenberg | | dar id-dinja bil-baħar |
| 5. | dejma | **1** | attakk tal-furbani fuq Malta |
| 6. | Ħal Millieri | | ħarsien tal-fidi kontra l-ereżija |
| 7. | Reliġjużi f'Malta | | ġellieda mit-Tramuntana ta' l-Ewropa |
| 8. | Inkwiżitur | | ivvinta l-istamperija |
| 9. | Ferdinandu Maġellan | | piraterija |
| 10. | Il-Vikingi | | ħadu sehem fil-Kruċjati |
| 11. | In-Normanni | | fdal ta' villaġġ fil-Medjuevu |

## 3. Ħares lejn din l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet. *(Total: 10 marki)*



3.1 Din l-istampa turi wiċċ l-Imperatur Federiku II Hohenstaufen. Liema għasfur kien jitrawwem għall-kaċċa fil-Gżejjer Maltin fi żmien Federiku II?

________________________________________ *(marka)*

3.2 Fi żmien Federiku II sar ċensiment. X'tifhem bil-kelma 'ċensiment'?

______________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

3.3 Fil-Medjuevu kienu jsiru ħafna pellegrinaġġi lejn l-art Imqaddsa. X'inhu pellegrinaġġ?

________________________________________________________________ *(2 marki)*

3.4 Għaliex lill-Palestina jqisuha bħala 'l-art imqaddsa'?

________________________________________________________________ *(2 marki)*

3.5 Il-Kruċjati bdew biex iwaqqfu l-avvanz tal-(Musulmani, Ortodossi, Lhud). *(marka)*

3.6 Il-Kruċjati kienu (ġlidiet bejn l-Insara u l-Musulmani, ftehim bejn l-Insara u l-Musulmani, taħdidiet bejn l-Insara u l-Musulmani). *(marka)*

3.7 L-għan prinċipali tal-Kruċjati kien li tinrebaħ (Kostantinopli, Damasku, Ġerusalemm) mill-Insara. *(marka)*

## 4. Ikteb jekk hux VERU jew FALZ. *(1 x 15 = 15-il marka)*

4.1 Il-kelma rinaxximent tfisser 'twelid mill-ġdid'. ................................

4.2 Picasso kien wieħed mill-artisti tar-Rinaxximent. ................................

4.3 Matul ir-Rinaxximent inbniet il-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma. ................................

4.4 Nicolò Macchiavelli kien kittieb fi żmien ir-Rinaxximent. ................................

4.5 Bartolomew Diaz għamel vjaġġi sa l-Asja. ................................

4.6 L-Università kienet tiltaqa' fl-Imdina. ................................

4.7 Il-membri tad-dejma kienu jieħdu ħsieb id-difiża tal-gżejjer Maltin. ................................

4.8 Il-membri tal-Kunsill Popolari kienu jiġu eletti kull 5 snin. ................................

4.9 L-Isqof Ġilibertu ġie Malta biex jagħmel ċensiment. ................................

4.10 In-Normanni kienu ħbieb u protetturi tal-Papa. ................................

4.11 Il-Vikingi kienu bdiewa u negozjanti kapaċi. ................................

4.12 Federiku II ta Malta lill-Kavallieri ta' San Ġwann. ................................

4.13 Gonsalvo Monroy kien sid fewdatarju ta' Malta. ................................

4.14 Fl-1551 sar attakk tal-furbani fuq Għawdex. ................................

4.15 Il-Vikingi saru ċivilizzati meta niżlu fin-Normandija. ................................

**5. Qabbel il-personaġġ ma' dak li għamel billi tikteb in-numru fil-kolonna. L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju.** ***(1 x 10 = 10 marki)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Kristofru Kolombu | | miġja tan-Normanni f'Malta |
| 2. | Dragut | | ħakmu lil Malta qabel l-Aragoniżi |
| 3. | Vasco da Gama | | il-Kavallieri mkeċċija wara assedju qalil |
| 4. | Il-Konti Ruġġieru | | sejħa għall-Kruċjati |
| 5. | L-Anġuvini | | fejn beda r-Rinaxximent |
| 6. | Il-Kastellan | | fortizza fl-Isla |
| 7. | Rodi | | furban Musulman |
| 8. | San Mikiel | | artist tar-Rinaxximent |
| 9. | Papa Urbanu II | | dar mal-kontinent Afrikan |
| 10. | L-Italja | | jgħix fil-Kastell tal-Birgu |
| 11. | Raffaello | **1** | qasam l-Oċean Atlantiku |

**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.** ***(Total: 10 marki)***




6.1 Qiegħed tara attakk tat-Torok waqt l-Assedju l-Kbir. B'liema mezz waslu Malta t-Torok?

____________________________________

____________________________ ***(marka)***

6.2 It-Torok riedu jirbħu lil Malta fi żmien qasir għax
- a) beżgħu li jinqabdu fil-maltemp tax-xitwa.
- b) riedu juru li huma gwerriera tajbin.
- ċ) kellhom xogħol ieħor x'jagħmlu fit-Turkija. ***(marka)***

6.3 It-Torok ma tantx kellhom x'jieklu għax
- a) l-ikel li ġabu magħhom ħżien matul il-vjaġġ.
- b) ma kellhomx flus biżżejjed biex jixtru l-ikel.
- ċ) il-Maltin qerdu kollox qabel beda l-Assedju. ***(marka)***

6.4 Matul l-Assedju l-fortizza ta' (Sant'Anġlu, Sant'Iermu, San Mikiel) waqgħet f'idejn it-Torok. ***(marka)***

6.5 Fil-Medjuevu, is-Sultan kien imexxi l-artijiet tiegħu permezz tas-sistema (deċimali, imperjali, fewdali). ***(marka)***

6.6 L-art mogħtija lill-ħbieb tas-sultan biex jieħdu ħsiebha kienet tissejjaħ (il-fewdu, it-territorju, l-eredità). ***(marka)***

6.7 (Il-Portugall, Ir-Russja, Il-Finlandja) kellha ħafna vjaġġaturi li skoprew artijiet ġodda fir-Rinaxximent. ***(marka)***

6.8 Liema minn dawn li ġejjin **ma saritx** fil-Medjuevu? Aqta' sinjal taħtha.
(Is-sejba tal-porvli, Is-sejba ta' artijiet ġodda, Is-sejba ta' l-elettriku) ***(marka)***

6.9 In-nafra kienet (is-sejħa biex jinġabru s-suldati, kwalità ta' ikel li kienu jieklu s-suldati, tip ta' armi li kienu jużaw is-suldati.) ***(marka)***

6.10 Il-bniedem li kien jieħu ħsieb il-ħabs fi żmien l-Aragoniżi kien jissejjaħ (il-katapan, il-massaru, il-balliju). ***(marka)***

## 7. <u>Spjega dawn il-kelmiet billi tikteb sentenza bihom</u>. *(Total: 10 marki)*

7.1 kavabuzz

____________________________________________________________________

______________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.2 komun

____________________________________________________________________

______________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.3 il-Qadi

____________________________________________________________________

______________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.4 l-inkwiżitur

____________________________________________________________________

______________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.5 il-kastellan

____________________________________________________________________

______________________________________________________________ ***(2 marki)***

## 8. <u>Ikteb fit-tul fuq WAĦDA minn dawn it-temi</u>: *(20 marka)*

8.1 Ikteb fuq kif kienet il-ħajja fil-Gżejjer Maltin taħt in-Normanni.

8.2 L-Assedju l-Kbir ta' l-1565 huwa ġrajja mill-aktar importanti fl-istorja ta' Malta. Għaliex huwa hekk? Ikteb fuq x'ġara ftit qabel u matul dan l-Assedju.

8.3 Ikteb dwar xi vjaġġi importanti li saru minn esploraturi matul ir-Rinaxximent.